MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 314/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ian Xuereb**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ian Xuereb talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Lulju 2006 u matul is-sena ta' qabel (**i**) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, (**ii**) kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija raza jew preparazzjonijiet taht tali cirkustanzi li juru li dawn ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu, (**iii**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi, u (**iv**) ikkommetta dawn ir-reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, jew ir-reat kien jikkonsisti fil-bejgh, provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li

wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil mara tqila, lil minuri jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-drogi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Awisuu 2007 li permezz taghha dik il-qorti, wara li l-imsemmi Xuereb irregistra ammissjoni, ikkundannatu tlett snin prigunerija (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv) u multa ta' elf lira; dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni taht is-supervizjoni tar-Registratur tad-droga ezibita; u fl-ahharnett ordnat li fin-nuqqas tal-hlas tal-multa fi zmien erba' gimghat mid-data tas-sentenza din tigi konvertita f'jum prigunerija ghal kull hames liri;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ian Xuereb, minnu ppresentat fis-7 ta' Settembru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza ghal dak li jirrigwarda l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Jose` Herrera ghall-appellant u l-Avukat Dott. Aaron Bugeja ghall-Avukat Generali – fl-udjenza tat-27 ta' Settembru 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda, kif inghad, il-piena. Huwa jikkontendi li din kienet eccessiva fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u senjatament fid-dawl tas-segwenti cirkostanzi: (i) Fil-pendenza tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienet li huwa jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-problema tad-drogi. Wara hames xhur huwa abbanduna l-programm ghal ftit sieghat u, meta talab biex jigi riammess, l-awtoritajiet ta' San Blas ma ammettewhx lura minhabba r-regoli ta' dik l-istituzzjoni; (ii) Dan l-abbandun ta' ftit sieghat kien dovut ghal "problemi neurologci"; (iii) L-ufficjal tal-*probation* li hejjiet il-*pre-sentencing report* kienet irrakkomandat li hu jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li jkun il-habs, pero` minhabba l-multa inflitta huwa ser jigi ikollu jservi aktar minn sentejn effettivi ta' prigunerija, u dan peress li la huwa u lanqas il-familja tieghu ma tista' thallas il-multa inflitta; (iv) Hu ghandu biss dsatax-il sena u kellu trobbija difficli; (v) L-appellant

ikkopera mal-pulizija kemm billi meta gie interrogat huwa ammetta l-htija tieghu, kif ukoll billi in segwitu huwa rregistra ammissjoni.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawza u ma tezitax tikkwalifika dana r-rikors ta' appell bhala razenti l-fieragh. Ma huwiex kompletament fieragh ghal raguni wahda – li, proprjament anqas giet rilevata fir-rikors ta' appell izda li din il-Qorti qed tirrileva *ex officio* – liema raguni ser tigi spjegata aktar 'l quddiem. Huwa evidenti li f'dan il-kaz ftit li xejn jista' l-appellant jinvoka l-ammissjoni tieghu, sia jekk mal-Pulizija fl-istqarrijiet li rrilaxxja u sia jekk fil-kors tal-procedura fil-qorti (l-ammissjoni gudizzjarja), in mitigazzjoni tal-piena. Apparti li l-piena hija entro l-parametri tal-ligi u apparti l-fatt li l-imputazzjonijiet huma serji hafna ghax jinvolvu traffikar ta' droga f'forma aggravata, l-appellant, allura imputat, ghazel li jammetti biss wara li kien tilef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Ghalkemm huwa veru li meta huwa tressaq akkuzat fit-30 ta' Lulju 2006 l-Avukat Generali kien ordna li huwa jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali – u allura wiehed, forsi, jista' jifhem li jahsibha darbtejn qabel ma jammetti in vista tal-piena li tista' tinghata mill-Qorti Kriminali – fis-7 ta' Marzu 2007 l-Avukat Generali hareg il-kontrordni biex Xuereb jigi pprocessat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Kien biss fl-udjenza ta' l-10 ta' Mejju 2007 li huwa rregistra ammissjoni, u dan wara li b'digriet tat-2 ta' Mejju 2007 dik il-Qorti Inferjuri rrevokat il-beneficcju tal-helsiem mill-arrest u ordnat ir-riarrest tieghu. Fi kwalunkwe kaz, tenut kont tal-provi cari li kiem hemm fil-konfront tieghu, wiehed difficilment jista' jimmagina li l-appellant seta' jaghmel mod iehor.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn toqghod tidhol fir-raguni ghala l-appellant abbanduna l-programm residenzjali li kien qed isegwi fil-kumpless ta' San Blas, jew ghal kemm hin – il-fatt hu li, minghajr raguni valida u minkejja li kien gie mwissi dwar il-konsegwenzi jekk huwa jaqbad u jitlaq minn San Blas, huwa xorta hekk ghamel. Il-kundizzjoni fisiologika – mhux neurologika kif jinghad fir-rikors ta' appell – li huwa kien ibati minnha ghandha rilevanza ferm marginali f'dan kollu.

Il-fatt li l-appellant ma tantx kellu trobbija serena minhabba l-problemi li kellhom kemm missieru kif ukoll ommu, johrog car mir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* John Testa (ara fol. 179 *et seq.*). Aspett pozittiv li johrog minn dan ir-rapport huwa l-fatt li l-appellant jirrealizza li fil-periodu ta’ ftit xhur li fih huwa wettaq ir-reati lilu addebitati huwa kien ghaddej min periodu ta’ instabblita` kbira, u jistqarr ukoll – stqarrija li din il-Qorti, fl-esperjenza taghha ta’ dawn l-ahhar tlettax-il sena, rarament rat bhala – li kienet haga posittiva li nqabad mill-Pulizija peress li b’hekk trangaw hafna affarijiet fil-hajja tieghu minhabba li b’hekk huwa gie kostrett jieqaf jabbuza mid-droga. Din il-Qorti sinceramente tawgura li l-appellant jibqa’ sod fil-fehma tieghu f’dan ir-rigward u jahtaf l-okkazzjoni li qed tigi offruta lilu, ankorke` fl-ambitu tal-habs, li mhux biex jieqaf milli jiehu d-droga – waqfien li jista’ jkun biss temporanju – izda li jeghelb kompletament id-dipendenza tieghu fuqha.

Din il-Qorti, pero`, ma tarx li tista’ tbiddel il-piena pekunjajrja inflitta, kif issuggerixxa l-abbli difensur ta’ l-appellant fl-udjenza tat-28 ta’ Settembru 2007, u dan ghar-raguni li din il-piena hija altru milli gusta tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – bizzejjed li wiehed izomm f’mohhu li l-multa ghar-reat ta’ traffkar biss, anke minghajr il-kontinwat, il-konkors u minghajr l-aggravju tad-distanza, setghet kienet sa massimu ta’ hamest elef lira.

Dak li din il-Qorti ma taqbilx mieghu, u li, kif inghad, ma giex rilevat fir-rikors ta’ appell, huwa li l-ewwel qorti ordnat <u>fis-sentenza</u> li *“…fin-nuqqas tal-hlas tal-multa fi zmien erba’ gimghat mil-lum din ghandha tigi konvertita f’jum ta’ prigunerija ghal kull hames liri Maltn.”* Il-konversjoni ta’ tali multa hija regolata bl-Artikoli 11, 14 u 29 tal-Kodici Kriminali. Jibda biex jinghad li l-ewwel qorti ma tatx raguni, kif kienet obbligata li taghmel skond is-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 14, ghala l-multa kellha tithallas fi zmien stabbilit – f’dan il-kaz erba’ gimghat – flok minnufih. Ghalkemm dan il-beneficcju ta’ zmien huwa apparentement fl-interess u a vantagg ta’ l-appellant, dan fil-kaz odjern ma hux hekk. Bil-fatt li l-ewwel qorti flok ma

halliet il-procedura tigi regolata bit-tieni *proviso* tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 14 ghaddiet biex ikkonvertiet mill-ewwel u fis-sentenza stess bir-rata ta' jum prigunerija ghal kull hames liri, hija mhux biss ippreklludiet il-possibilita` li ssir talba ghal hlas rateali skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 14 izda ikkonvertiet in eccess ta' dak li jippermetti l-Artikolu 11. In fatti s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 11, wara li jipprovdi li l-multa tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri, fil-*proviso* li jigi minnufih wara jipprovdi li, hlief f'zewg kazijiet li ma humiex applikabbli ghal-kaz in dizamina, il-prigunerija minflok il-multa m'ghandhiex tiskorri z-zmien ta' sitt xhur jekk din ma tkunx aktar minn elfejn lira. Fi kliem iehor, kieku l-multa ta' elf lira kellha tigi konvertita bir-rata kif, erroneament, stabbilit mill-ewwel qorti, l-appellant jigi jkollu jiskonta mhux sitt xhur (kif suppost) prigunerija flok dik il-multa, izda sitt xhur u sbatax –il gurnata prigunerija. Dan kjarament l-ewwel qorti ma setghetx taghmlu anke in vista ta' dak li jipprovdi t-tielet *proviso* tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 14. Din il-Qorti, ghalhekk, sejra thassar dan l-ordni u konversjoni biex, filwaqt li ma tippreklludix il-possibilita` ta' talba (li f'dan il-kaz issa trid issir lil din il-Qorti) ghal hlas rateali, thalli l-konversjoni tigi regolata skond il-ligi fit-termini tat-tieni *proviso* tas-suabrtikolu (1) ta' l-Artikolu 14.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tghid *"Tordna wkoll li fin-nuqqas tal-hlas tal-multa fi zmien erba' gimghat mil-lum din ghandha tigi konvertita f'jum ta' prigunerija ghal kull hames liri Maltin"* – u minflok thalli l-hlas tal-multa u, fin-nuqqas tal-hlas, il-konversjoni ta' l-istess, sabiex tigi regolata skond il-ligi – u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------